MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Numru 334/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**Vs**

Carmelo Borg
Darren (Darren John) Calleja

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Carmelo Borg u Darren (Darren John) Calleja ta' karta ta' identita' numru 76458(M) u 481578(M) rispettivament, akkuzati talli:

F'Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, nhar id-9 ta' April, 2006 u fil-jiem ta' qabel din id-data, b'diversi atti, maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) nhar it-8 ta’ April 2006 ghal habta tas-2:30 ta’ wara nofs inhar, f’Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, bil-hsieb li jikkommetti delitt, u cioe’ serq ta’ oggetti, ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf Lira Maltija, ghad-detriment ta’ Titus Wole Odedun mill-Ingilterra u/jew persuni ohra, urew dan il-hsieb b’atti esterni, u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom;

b) nhar id-9 ta’ April, 2006, ghal habta tat-3:00 ta’ wara nofs inhar, f’Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, ikkommettew serq ta’ oggetti, liema serq sar ghad-detriment ta’ Titus Wole Odedun mill-Ingilterra u/jew persuni ohra;

c) nhar id-9 ta’ April 2006, ghal habta tat-3:00 ta’ wara nofs inhar, f’Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, bil-hsieb li jikkommettu delitt u cioe’ serq ta’ oggetti, ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf Lira Maltija, ghad-detriment ta’ Titus Wole Odedun mill-Ingilterra u/jew persuni ohra, urew dan il-hsieb b’atti esterni, u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom.

Lil Carmelo Borg wahdu:

Talli f’dawn il-Gzejjer, nhar id-9 ta’ April 2006 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal fuq il-vettura bin-numru tax-chassis WDB12312020234050 set numri tar-registrazzjoni li jappartjenu lil vettura GYG-039, kif ukoll licenzja li tappartjeni lil istess vettura GYG-039;
Talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falsifikat billi wahhal fuq il-vettura bin-numru tax-chassis WDB12312020234050 set ta’ numri tar-registrazzjoni li jappartjenu lil vettura GYG-039, kif ukoll licenzja li tappartjeni lill-istess vettura GYG-039;

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-9 ta' April, 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-data, saq il-vettura bin-numru tax-chassis WDB12312020234050 minghajr licenzja u minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar riskji ghall-terzi persuni.

Talli nhar id-9 ta' April, 2006 u fil-jiem ta' qabel din id-data, kiser il-provediment tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta b'sentenza tal-Qrati ta' multa datata 13 ta' April 2005, huwa gie moghti il-liberta' bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perjodu ta' tlett snin minn dak inhar.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqghu jippersistu anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi jippotizzaw is-serq u l-attentat tieghu. Fil-konfront ta' l-imputat Carmelo Borg hemm ukoll ipotizzat r-reat ta' falsifikazzjoni, frodi u li saq vettura minghajr licenzja u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni oltre l-akkuza li kiser l-Artikolu 7 tal-Kap 446.

Ghal dawn ir-reati l-imputati irregistraw ammissjoni li hi wahda volontarja u nkondizzjonata.

Wara li rat l-Artikoli (41, 261(c), 267, 279(a), 284, 285, 188, 184, 17, 31 tal-Kap 9, l-Artikolu 15 tal-Kap 65 u l-Artikolu 3(1) tal-Kap 104, issibhom hatja tar-reati addebitati u tikkundannahom:

1) lill-imputat Carmelo Borg – Lm1000 multa fuq is-sitt akkuza waqt li tilliberah mill-bqija billi tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'dan it-terminu ta'

zmien. Illi tikkoncedielu li jhallas il-multa b'pagamenti ta' Lm30 fix-xahar bid-dekadenza fin-nuqqas anke ta' pagament wiehed konvertibbli f'sitt xhur prigunerija.

2) lill-imputat Darren (Darren John) Calleja billi tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 152 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------